# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Frar 2001.**

**Numru 22**

**Citaz. numru 528/93 GV**

**Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rappresentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd, u din bhala agenti f'Malta tas-socjeta' assikurattrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Industrial Motors Limited**

**vs**

**James Gollcher u Karl Gollcher bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta O.F. Gollcher & Sons Limited agenti f'Malta ta' Nippon Yusen Kaisha NYK Line armaturi/proprejtarji tal-vapur Brilliant Ace, u in rappresentanza tal-istess, u Godwin Abela u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti;**

**L-ATT TAC-CITAZZJONI**

Is-socjeta' assikurattrici attrici ipprocediet kontra s-socjetajiet konvenuti b'dan l-att tac-citazzjoni :-

"L-attur nomine ppremetta illi s-socjeta' Industrial Motors Limited importat gewwa Malta fuq il-vapur "Brilliant Ace", 110 karozzi tal-marka Mitsubishi, liema vjagg kien organizzat mis-socjeta' O.F. Gollcher & Sons Limited (Dok. E.H.L u Q) ;

Premess illi wara li waslet din il-merkanzija f'Malta fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' April 1992, u inhattet f'idejn is-socjeta' The Cargo Handling Company Limited, l-assigurat tal-attur gabar il-merkanzija in kwistjoni u sab li l-merkanzija kellha d-danni u nuqqasijiet elenkati fid-dokument T ;

Premess illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindeniza lill-assigurat tieghu tal-hsarat u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat ;

Premess illi l-attur nomine jikkwantifika l-hsara u nuqqasijiet riportati fil-merkanzija tal-assigurat tieghu fl-ammont ta' elf, mija u hdax-il liri Maltin u hamsin centezmu (Lm1111.50,0) inkluz f'din il-figura l-ammont ta' erba' mija u erbghin lira (Lm440) imhallsa bhala survey fee ;

Premess illi l-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni u nuqqasijiet.

L-attur nomine talab li din l-Onorabbli Qorti :

1. Tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghall-hsarat kagjonati fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur nomine ;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-assigurat tal-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur fis-somma ta' Lm1111.50,0 ;

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm1111.50,0 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti nomine jew min minnhom.

Kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez u interessi mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkustanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi kontra l-konvenuti nomine."

**<u>ECCEZZJONIJIET</u>**

Is-socjeta' O.F. Gollcher & Sons Limited, fil-kwalita' kif imharrka, hekk eccepiet ghat-talbiet attrici :-

"1. Illi in kwantu diretti kontra l-eccipjenti nomine t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti nomine mhumiex responsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet allegati.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-eccipjenti m'ghandhomx ibatu s-survey fee stante li din mhijiex parti mid-danni ta' l-assigurat (sentenza ta' l-Appell Sede Kummerc : Citaz. Nru. 112/86 - 6.4.92 - Dr. R. Staines et noe vs Chev. Silvio Mifsud noe et).

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-interessi legali ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (sentenza ta' l-Appell Sede Kummerc : Citaz. Nru, 112/86 - 6.4.92 - Dr. R. Staines et noe vs Chev. Silvio Mifsud noe et).

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, r-responsabilita' ta' l-eccipjenti nomine hija limitata skond il-polza tal-kariku."

Is-socjeta' The Cargo Handling Company Limited hekk eccepiet ghat-talbiet attrici :-

"1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. ikkonsenjat u qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diligenza rikjesta minnhom mill-ligi.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandha tigi ipprovata l-allegata surroga.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma ghal kollox esagerati.

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess l-interessi jiddekorru mid-data tac-citazzjoni stante li si tratta dwar kawza ta' danni (sentenza ta' l-Appell Sede Kummercjali deciza fis-sitta t'April 1992 Citaz. Nru. 112/82).

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess is-survey fees allegati ma jistghux jigu riklamati stante li m'humiex danni ta' l-assigurat (Sentenza ta' l-Appell Sede Kummercjali deciza fis-sitta t'April 1992 - Citaz. Nru. 112/82).

6. Illi la darba s-socjeta' The Cargo Handling Company Limited m'hija bl-ebda mod responsabbli hija m'ghandhiex thallas."

**DECIDE**

B'sentenza tas-27 ta' Ottubru 1997, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet din il-kawza billi cahdet it-talba tal-attur fil-konfront tal-konvenut Gollcher nomine, spejjez kulhadd tieghu, u laqghet it-talba tal-attur fil-konfront tal-konvenut l-iehor Abela nomine limitatement ghas-somma ta' Lm 471.06, ghall-hsarat u nuqqasijiet u Lm100 survey report. B'kollox Lm 571.06. L-ispejjez kellhom jithallsu bin-nofs bejn l-attur u l-konvenut Abela nomine. L-imghax jithallsu mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

**PROVI**

L-Ewwel Qorti hekk irrijasumiet il-provi prodotti quddiemha :-

**"PROVI**

**Tony Grech**, service manager mal-Industrial Motors, xehed li hu kien iccekkja l-karozzi kollha meta jinzlu. Hu kkonferma li kiteb id-dokument MS1 a fol 61 u ffirma fuq id-dok MS2 fol 68. Hu kiteb id-dokument MS1 dak il-hin stess li kien qed jiccekkja l-karozzi. Hu kien indika n-nuqqasijiet li kien sab u dawn tnizzlu fil-Gate Pass Out. Jista' jaghti l-kaz li wara, meta tinhasel il-karozza, jinkixfu difetti li dak il-hin li spezzjonawhom ma kienux jidhru. Il-hsara u nuqqasijiet li hemm fuq il-GPO u MS1 ghandhom ikunu l-istess. Huma kienu marru ghall-ewwel batch ta' karozzi fit-tmienja (8) ta' Mejju u t-tieni batch fit-tnax (12) ta' Mejju.

**Anthony Chetcuti**, Inspector in Charge Laboratory Wharf, xehed li hu jghodd in-numru tal-karozzi u ma ghamilx rimarki dwar nuqqas. Hu rrilaxxja 87 karozza wara li l-importatur ikun gie ghalihom. Hu jiccekkja c-chassis u l-engine number. Hu ma jkunx maghhom meta jkunu qed jispezzjonaw il-karozzi. Ma jkun hemm hadd minn tad-dwana.

**Carmel Gauci**, fizzjal tad-dwana, xehed li kien hemm 23 karozza ghal warehousing. Huma jghoddu biss il-units u ma joqghodux ifittxu ghall-hsarat. Huma jkunu qed jarawhom minn fuq television apposta.

**Noel Ellul**, marine claims executive mad-ditta attrici, xehed li l-assikurati taghhom, Industrial Motors, kienu nfurmawhom li minn konsejna ta' 110 karozza, 24 kienu danneggjati jew/u bin-nuqqasijiet. Hu kien prezenti meta l-vetturi kienu sa jigu rilaxxjati, sar survey report Dok T a fol 25. Huma hallsu s-somma ta' Lm671.50 u gew surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom. Hallsu wkoll Lm440.00 bhala survey fees li kienu necessarji sabiex jigu konfermati d-danni.

**Leonard Brincat**, impjegat mal-Cargo Handling, ezebixxa zewg GPO, LB1 u LB2 iffirmati minnu u minn tal-Industrial Motors. Fid-Dok LB2 fol 116 m'hemmx rimarki. Fid-Dok LB1 fol 115 hemm : (ara l-istess dokumenti a fol 69) hemm inmizzel : 2 torch light, 1

badge, 1 cigarette lighter & ashtray, 1 black carpet, dawn kienu missing, right hand side front dented.

**Mark Mifsud**, delivery clerk mal-Cargo Handling, xehed li kien ghamel iz-zewg GPO a fol 68/69. Fuq il-GPO a fol 68 hemm imnizzel : 4 spare wheels u 5 cigarette lighters neqsin u fil-GPO l-iehor ukoll a fol 68 hemm : 2 cigarette lighters, 1 radio knob, 2 torch lights, 1 lock nut for spare wheel, 1 complete tool kit, pyrene and bracket neqsin.

Meta saret it-tally kien hemm rapprezentant tal-kumpanija agent tal-karozzi. Dina l-persuna ffirma mieghu il-GPO. Jekk l-agent jindikalu xi dent fil-karozza hu jnizzilha. Il-karozzi jkunu miksijin bil-wax u jista' jkun li ma jindunax b'xi dents jew hsara. Fil-GPO 113375 a fol 68 id-data trid tkun ta' tnax (12) ta' Mejju u mhux ta' Lulju.

**Michael Chetcuti**, Cargo surveyor mal-kumpanija konvenuta Gollcher, xehed li kien attenda fuq il-vapur u ghamel rapport Dok MC a fol 123 waqt li kien abbord meta l-karozzi kienu nezlin. Hu fittex ghal hsarat jew nuqqas fil-karozzi. Huwa jdur il-karozza ghal daqqiet jew scratches li jidhru. Huma jifthu l-bieba tal-karozza u anke l-luggage boot. IL-karozzi nizlu minn fuq il-vapur minghajr ebda nuqqas jew hsara li seta' jara. Fejn ir-rampa jkun hemm it-tally clerk tal-agent tal-vapur u tal-cargo handling. Ma jdumux aktar minn minuta biex jispezzjonaw karozza."

## MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

### "KONTESTAZZJONI

L-attur qed jitlob is-somma ta' Lm671.50 ghal hlas li d-ditta minnu rapprezentata ghamlet lil Industrial Motors assikurata maghhom ghal hsara u nuqqasijiet li dawn sofrew in segwitu ghal claim fuq merkanzija (karozzi) li gew bil-vapur Brilliant Ace fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' April 1992. Inoltre qed jitlob is-somma ta' Lm 440 Survey Fees.

**Eccezzjoni Gollcher**

Il-konvenut Gollcher eccepixxa li hu mhux responsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet allegati. Huma gabu bhala prova s-Survey Report li kien sar minn Michael Chetcuti Dok MC a fol 124. Dan qal li hu kien ezamina l-karozzi huma u nezlin mill-vapur u ma sab ebda nuqqas jew hsara li seta' jara. Hu fittex ghall-affarijiet bhal radios, lighters, u accessorjo ohra fil-karozzi u fil-luggage boot taghhom, bla ma rrizultawlu nuqqasijiet. Dwar daqqiet u scratches hu ma rahx.

L-attur ma gabx provi li jikkontradicu dan ir-rapport jew li l-karozzi nizlu minn fuq il-vapur bil-hsarat u bin-nuqqasijiet allegati.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenut Gollcher ghandha tigi milqugha.

**Eccezzjonijiet konvenut Abela**

L-attur ipproduca s-survey li sar minn Tony Grech ghal Industrial Motors li sar qabel ma l-vetturi hargu minghand il-Cargo Handling. Da li rriskontra Grech gie rriskontrat ukoll minn tal-Cargo Handling skond ma jirrizulta mill-Gate Pass Out Numri 103016 a fol 68 ; 113329 a fol 69 u 115 u 113375 a fol 68.

**Fid-Dok LB1 fol 115** hemm neqsin : (ara l-istess dokument a fol 69)
*2 torch light ; 1 badge ; 1 cigarette lighter & ashtray ; l back carpet ; right hand side front kien dented.*
**Fuq dok a fol 68** hemm neqsin :
*4 spare wheels u 5 cigrette lighters ;*
**u fid-dok l-iehor a fol 68** hemm neqsin
*2 cigarette lighters, 1 radio knob, 2 torch lights, 1 lock nut for spare wheel, complete tool kit, pyrene and bracket.*

Dawn in-nuqqasijiet u hsarat gew riskontrati waqt li l-karozzi kienu fil-pussess tal-konvenuti Cargo Handling u ghalhekk huma responsabbli. Il-Poloz tal-karigu kienu "clean" u gie kkostat li l-karozzi nizlu minn fuq il-vapur minghajr dawn il-hsarat u nuqqasijiet.

**Danni ulterjuri**

L-attur qed isostni li apparti dak li hemm imnizzel fil-Gate Pass Out, wara li hadu l-karozzi ghand l-importatur, nstabu hsarat ohra li ma kienux gew kostati meta mtela l-Gate Pass Out. L-attur spjega li din id-diskrepanza qeghda fil-fatt li d-danni l-ohra gew maqbuza meta gew spezzjonati l-110 vettura u billi l-vetturi jkunu miksija bil-wax il-hsara li kienet tikkonsisti fi slight dents ma gewx

osservati meta sar is-survey fil-moll u ghalhekk ma tnizzlux fil-GPO.

Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tal-ghoxrin (20) ta' April 1995, fl-ismijiet Michael Gatt nomine et. vs l-Avukat Philip Sciberras nomine, fuq din il-problemba ta' dokumenti li hemm bzonn f'vertenzi bhal din in parola, qalet hekk :-

"Ghaz-zewg mumenti fokali hemm il-prova dokumentarja li ghandha "juris tantum" - tkun deciziva. Meta l-merkanzija tigi skarigata minn fuq il-bastiment jigi kompilat rapport fuq l-istat li fih tinzel il-merkanzija minn abbord - it-"**tally sheet**" ; u ghat-tieni mument, qabel il-merkanzija tohrog mid-Dwana u tigi konsenjata lill-importatur, dan jirrilaxxja certifikat lill-Kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jircievi l-"**Gate Pass Out**".

Dawn iz-zewg dokumenti ghandhom jitqiesu bhala decizivi u li jorbtu l-partijiet kollha tal-kawza, li ghandhom l-opportunita', f'waqtha, "a tempo vergine" li jikkontrollaw u jipprecizaw ir-registrazzjoni ta' l-istat ta' fatt. Provi "a posteriori" ta' dawk iz-zewg mumenti m'ghandhomx valur kontra l-prezunzjoni "juris tantum" li dawk id-dokumenti huma veri u awtentici ; dokumenti li gew kompilati tempestivament u fil-mumenti opportuni."
(App. Curmi vs Mallia 6.6.95).

"Dokumenti awtentici debitament iffirmati ghandhom jinghataw il-valur taghhom u jigu accettati ghal dak li jghidu. Altrimenti jekk wiehed jaccetta t-tezi ta' l-appellant nomine li d-deskrizzjoni fuq l-ircevuta li hu kien ghamel fis-sens li rtira l-merkanzija f'kundizzjoni tajba ma tfisser xejn ghax issir bl-addocc u ma tirrispekkjax il-verita', m'hemm xejn x'izomm li l-istess jigi argumentat illi bl-istess mod legger u allura priva minn kull sens u sinifikat issir id-dikjarazzjoni fuq il-bill of lading li l-merkanzija kienet giet mghobbija "in apparent good order and condition."
Gatt vs Gollcher App 2.11.95.

Ghalhekk il-Qorti ma tistax taccetta s-sottomissjoni ta' l-attur li ghandhom jizdiedu danni ohra, apparti dawk li gew kostatati fuq id-dokumenti ufficjali.

**Eccezzjonijiet ulterjuri**

Fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri l-konvenut Abela eccepixxa wkoll li ai termini tal-artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 (amended b'Legal Notice 28/73) tali merkanzija hija meqjusa bhala "units" u tinghata biss ricevuta bhala tali "units". Illi ai termini tal-artikolu 6(3)(a)(v) tal-Port Ordinance 1962 la darba tali

merkanzija kienet meqjusa bhala units dan l-artikolu jezimi ovvjament lis-socjeta' konvenuta mir-responsabbilita'.

Illi wkoll a bazi ta' l-artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations 1966, l-importatur jaf li tali merkanzija tinhazen "in the open and always at the sole risk of the owner" u ghalhekk anke f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta mhiex responsabbli.

**Tikkunsidra**

Din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha l-okkazjoni li tiddeciedi fuq l-istess eccezzjonijiet ulterjuri sollevati mill-konvenut Abela f'sentenza ohra taghha tad-disgha w ghoxrin (29) ta' Jannar 1996, 382/93 fl-ismijiet Dr. S. Micallef Stafrace vs. G. Abela et noe w a skans ta' ripetizzjoni taghmel riferenza ghal dina s-sentenza. Dawn l-eccezzjonijiet ulterjuri wkoll kienu gew michuda f'kawza ohra, 1273/92 AM fl-ismijiet N. Ellul vs J. Gollcher et noe deciza fis-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 1966 (27.11.96).

Ghalhekk l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Abela qed jigu michuda.

**Likwidazzjoni danni**

Il-Qorti sa tillimita ruhha ghal dak li hemm imnizzel fil-Gate Pass Out. Fihom hemm is-segwenti nuqqasijiet u hsara :

*2 torch light ; (Lm19.47 x2 = Lm38.94)*
*1 badge ; Lm8.00*
*1 cigarette lighter & ashtray ; (Lm8.00 + 21.90 = Lm29.90)*
*1 back carpet ; Lm54.72*
*right hand side front kien dented ; Lm50.00*
*4 spare wheels ; (Lm39 x 4 = Lm156)*
*5 cigarette lighters ; (Lm8 x 5 = Lm40)*
*2 cigarette lighters ; (Lm5 x 2 = Lm 10)*
*1 radio knob ; Lm1.00*
*2 torch lights ; (Lm19.47 x 2 = Lm38.94)*
*1 lock nut for spare wheel ; Lm10.00*
*complete tool kit ; Lm26.56*
*pyrene and bracket : Lm7.00*

***TOTAL Lm 471.06***

**Survey Fees**

Dwar Survey Fees il-Qorti tirrileva li Survey Fees huma parti mid-danni li sofra l-attur u kienu necessarji biex jigu kostatati d-danni. Is-Survey sar qabel ma nhargu l-karozzi, u kieku ma kienx hemm hsarat l-konvenut Abela ma kienx ser jehel l-ispejjez tas-Survey. La darba nstabu hsarat u nuqqasijiet fuq 24 karozza biss minn 110, l-konvenut ghandu jehel biss proporzjonalment (ara sentenza fuq riferita Ellul vs Gollcher). F'dana l-kaz l-attur jista jitlob biss **Lm100**.

**Interessi**

F'dana l-kaz il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza Ellul vs Gollcher pero' hi tal-fehma li f'dana l-kaz l-interessi ghandhom jithallsu mid-data tan-notifika tac-citazzjoni."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Minn din is-sentenza appellat principalment is-socjeta' The Cargo Handling Company Limited. Is-socjeta' assigurattrici attrici appellat incidentalment limitatament biss fuq il-kap tal-ispejjez in kwantu qed isostni li dawn kellhom ibaghtuhom il-konvenut nomine jew min minnhom.

Is-socjeta' konvenuta O.F. Gollcher & Sons Limited, fil-kwalita' kif citata, irrispondiet illi s-sentenza kienet gusta u timmerita konferma u ma ntavolat l-ebda appell minnha. Din il-Qorti ezaminat l-aggravji tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited li kienu jorbtu l-mertu tal-vertenza fid-dawl tal-provi prodotti, tal-gjurisprudenza ta' dawn il-Qrati li kienet tanalizza s-sistema portwali vigenti minn zmien ghal zmien u kif dawn kienu jaffettwaw l-attendibbilita' u l-kredibbilita' tad-dokumenti li jiccertifikaw il-kundizzjoni tal-merkanzija, kemm meta din

tigi zbarkata minn fuq il-vapur ghal fuq il-moll, kif ukoll meta din tghaddi minn idejn is-socjeta' Cargo Handling Company Limited ghal idejn l-importatur jew l-agent tieghu, u wara li ezaminat is-sottomissjonijiet tal-kontendenti fil-mertu waslet ghall-konvinciment illi s-sentenza appellata kienet timmerita li tigi konfermata.

Dan ghaliex l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi prodotti u kienet f'dan meghjuna mill-fatt illi jirrizulta pruvat illi l-"gate pass out" rilaxxjati mis-socjeta' appellanti, The Cargo Handling Company Limited, kienu korrettement jirrispekkjaw il-kontenut tas-survey li kien sar mis-socjeta' assijmattrici attrici wkoll ghan-nom tas-socjeta' importatrici u dana fiz-zmien meta l-vetturi kienu ghadhom fil-pussess u taht il-kontroll tas-socjeta' appellanti.

L-ewwel Qorti kienet ukoll f'dan il-kaz vantaggjata minn nuqqas ta' kontestazzjoni dwar il-"joint tally" maghmul mill-cargo surveyor inkarigat mis-socjeta' O.F. Gollcher & Sons Limited, waqt li l-karozzi kienu niezlin minn abbord ghal fuq il-moll.  Dan it-tally jidher li sar b'certa attenzjoni. Jirrizulta li kien nadif u bla ebda kummenti dwar nuqqasijiet u hsarat fil-vetturi.  Dan il-kaz allura ma jipprezentax id-diffikulta' spiss riskontrata f'kawzi ohra ta' din ix-xorta f'certa epoka ta' din l-inattendibbilita' tad-dokumenti portwali li, meta rilaxxati, ma kienux jirrispekkjaw ir-rejalta' tal-fatti, proprju ghaliex ma jkunx fihom indikat dannu fil-merkanzija li

jkun alicende gie pruvat li ovvjament kien jezisti fil-mument meta d-dokumenti jkun gew redatti.

Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti jirrizultaw allura ineccepibbli u sostnuti kollha kemm huma mill-provi. Mhux biss. Din il-Qorti ssib li l-ewwel Qorti ghamlet ukoll apprezzament gust fir-rigward ta' dak li kien dovut ghas-survey fees, in kwantu segwiet li skorta ta' gjurisprudenza, ormai kostanti, illi dawn il-fees kellhom ikunu relatati mal-volum ta' merkanzija li tirrizulta danneggjata b'nuqqasijiet jew hsarat. Il-gjurisprudenza hi fis-sens illi ma kienx gust illi jekk jirrizultaw xi danni f'xi parti mill-merkanzija allura min kien responsabbli ghaliha kellu jigi akkollat bilfors bl-ispiza kollha tas-survey li jkun sar mis-socjeta' assigurattrici tal-merkanzija kollha. Kellu ghall-kuntrarju jigi kundannat ihallas biss rata proporzjonali marbuta mal-kwantita' ossija volum ta' merkanzija li tirrizulta danneggjata u li dwarha jkun qed isir riklam ghall-kunpens b'success.

Dan proprju ghaliex hi biss din il-parti tas-survey fees li kellha tkun konsidrata bhala spiza mehtiega biex jigi stabbilit il-qwantum tad-danni. L-uniku aggravju tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited, li din il-Qorti ssib gustifikat huwa dak fir-rigward tal-interessi. Is-socjeta' tissottometti illi una volta l-ammonti likwidati mill-ewwel Qorti kienu ferm anqas minn dawn mitluba, kwalunkwe interessi kellhom jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata u mhux min-notifika tal-att tac-citazzjoni.

Dana a bazi ta' diversi sentenzi fosthom "Noel Ellul vs James Gollcher" tas-27 ta' Novembru 1996 (KM 1273/72).

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-aggravju anki ghaliex hi tal-fehma illi una volta jkun stabbilit illi d-dokumenti portwali kienu attendibbili u l-kaz tas-socjeta' attrici kien jiddependi fuqhom, hi kienet, sa minn qabel ma pprezentat l-att tac-citazzjoni, f'pozizzjoni li tiddetermina x'kien l-ammont ta' danni li setghet tirriklama a bazi ta' dawn id-dokumenti. Una volta l-ewwel Qorti waslet ghall-konvinciment, ukoll kondiviz minn dina l-Qorti, li ma jidhriliex li kellha tiddisturba l-apprezzament taghha, illi ma kellhiex tikkunsidra danni ohra mhux inkluzi f'dawn id-dokumenti portwali, tohrog wehidha l-konkluzjoni illi l-ammont kanonnizzat fis-sentenza appellata u kif likwidat f'dawn il-proceduri hu ferm 'il boghod minn dak mitlub fit-talba attrici.

Dana apparti l-konsiderazzjoni li din il-Qorti ghamlet fir-rigward tas-survey fees li wkoll notevolment ivarjaw f'somma pretiza mis-socjeta' attrici u li accentwaw l-element tal-likwidazzjoni fil-prezenti procedura. Kien xieraq ghalhekk illi l-imghax jibdew jiddekorru mid-data tal-ewwel sentenza.  Naturalment mhux mid-data ta' din is-sentenza billi biha xejn ma kien qed jigi varjat mid-decide tal-mertu fis-sentenza appellata.

Din il-Qorti finalment jidhrilha li m'hemmx ghalfejn tinoltra ruhha f'aggravji ohra sollevati mis-socjeta' The Cargo Handling Company

Limited. Dana ghaliex dawn l-aggravji gie gew ripetutament konsidrati mid-diversi sentenzi ta’ dawn il-Qrati u gew minnhom rigettati. Aggravji li jirrigwardaw l-iktar l-applikabbilita’ tal-Aartikolu 6 tal-Ports Ordinance 1962, tal-Artikolu 90 tal-Port Regulations 1966 kif ukoll l-Artikolu 70 tal-Port Regulations, li jittratta dwar ir-responsabbilita’ tas-socjeta’ The Cargo Handling Company Limited fir-rigward tal-hazna ta’ units vera u proprji u kif il-hazna ta’ karozzi kellha hekk tigi konsidrata. Din il-Qorti taghmel riferenza anke ghall-gjurisprudenza in materja u tista’ fil-fehma taghha tieqaf hawn.

**L-APPELL INCIDENTALI**

Is-socjeta’ assigurattrici attrici hasset ruhha aggravata fis-sentenza appellata fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, billi ssostni li hi ghamlet it-talba ghall-hlas permezz ta’ ittri interpellatorji u l-unika risposta li kienet irceviet minghand il-konvenuti kienet li dawn ma kienux qed jaccettaw ir-responsabbilita’. Dan ifisser illi s-socjeta’ attrici kienet kostretta taghmel kawza odjerna minghajr ma kienet taf il-fatti kollha tal-kaz u minghajr ma kellha ghad-dispozizzjoni taghha d-dokumentazzjoni kollha tal-kaz li kienet pero’ f’idejn il-konvenuti. Dana meta l-istess konvenuti kienu llimitaw ir-risposta taghhom biex jiddikjaraw b’mod inekwivoku li ma kienux risponsabbili ghad-danni in kwistjoni. Inoltre s-socjeta’ attrici tissottometti li hi kienet kostretta tipprocedi minhabba illi l-azzjoni odjerna kienet soggetta ghall-preskrizzjoni bid-dekors ta’ perjodu ta’ sena li, effettivament, kien perijodu ta’ dekadenza.

Gustament, pero', s-socjeta' The Cargo Handling Company Limited tirrileva illi dan l-aggravju kellu se mai jigi indirizzat lis-socjeta' konvenuta l-ohra, O.F. Gollcher & Sons Limited, ghaliex id-dokumenti fir-rigward tal-hsarat li kellhom il-vetturi fil-mument meta tnizzlu minn fuq il-vapur ghal fuq il-moll kienu se mai f'idejn dik is-socjeta'. L-uniku dokument portwali li kien jinteressa lis-socjeta' appellanti The Cargo Handling Company Limited kien il-"gate pass out", li tieghu, naturalment, l-importatur assigurat mas-socjeta' attrici inghata kopja. Inoltre ma kien hemm xejn x'izomm lis-socjeta' attrici tkun prezenti wkoll waqt il-hatt tal-merkanzija minn fuq il-vapur in forza tal-istess polza ta' assigurazzjoni. Gustament allura din il-Qorti tqis illi r-risposta tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited ghall-appell incidentali hija wahda korretta u dak l-appell kellu jigi michud.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appelli kif gej :-

1. Tichad l-appell incidentali bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

2. Tichad l-appell principali bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited.

3. Tikkonferma s-sentenza appellata in toto b'dan illi l-ispejjez tal-prim'istanza kellhom jithallsu skond kif f'dik is-sentenza deciz.

16

Dep/Reg

mg